**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 150/19 AGV**

**AB (ID nru: 248261M)**
**U**
**Kuraturi Deputati sabiex jirrappresentaw lill-assenti CB, u permezz ta' nota datata 3 ta' April 2019 DB (ID nru: 402641L) assuma l-atti tal-bandu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fil-11 ta' Gunju, 2019 li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit- 8 ta’ Novembru 1979, u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u minn daz-zwieg kellhom tfal illum kollha maggorenni;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar minn erba’ snin.
3. Illi ma hemm l-ebda proseptt ragenovoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment seperata minn xulxin, u jidher li r-ragel diga’ ha d-divorzju religjuz f’ pajjizu, u minn hemm ilha li giet Malta l-attrici lanqas l-icken kuntatt ma’ kien hemm.
4. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut f’ dal-istadju stante li l-attrici tahdem, u mqar kellu johrog manteniment mhux possibbli li jigi ezegwit il-Libja fejn jghix ir-ragel.
5. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont il-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, umilment jintalab lil dina l-Onorabbli Qorti;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-patijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata ta’ DB li giet prezentata seduta stante tat- 30 ta’ Lulju 2019 fejn ikkonferma l-fatti ghax jafhom hu stess;

1. Fl-ewwel lok jaghti ruhu notifikat bit-tahrika u bid-data tal-appuntament.
2. Illi huwa jaf li ommu l-attrici hija sseprata minn missieru li baqa' jghix il-Libya u ma kienx hemm kuntatti bejniethom u dan ghal iktar minn erba' snin. Sahanasitra fl-24 ta' Frar 2015, AB, ommu ghamlet kawza minhabba c-cittadinanza taz-zewg hutu minhabba li kienu ghadhom il-Libja. U riedet ic-cittadinanza Maltija halli jkunu jistghu jigu Malta. Minn dakinhar li ommu qatt ma reghhet lura f' dan iz-zmien kollu lejn il-Libya.
3. Illi huwa ma jafx fejn effetivament jinsab missieru salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-partijiet jikkonfermaw ir-rikors u r-risposta *seduta stante.*

**DECIDE**

Il-Qorti, ghalhekk, tilqa' t-talbiet.

Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**